TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 535/11/GZ

**Joan Camilleri f'isimha personali u f'isem Miguel Caruana**

**vs**

**Europa Tours Ltd**

Illum 7 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni rapprezentanti n-nuqqasijiet li kien hemm fit-'tour' li hijaa bbukjat minghand is-socjeta' ntimata, pero' l-ammont ta' liema lanqas biss gie ndikat.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'xi l-4:00 ta' wara nofsinhar fit-13 ta' Awissu 2010, kienu telqu minn Lucerne sabiex jirritornaw ghal Mulhouse. Immedjatament kienu rrealizzaw illi l-'coach' kellha xi problema. Ix-xufier deher inkwetat u kienet semplici li wiehed jinduna li l-problema bil-'coach' kienet qed tinkwetah. Pero', huwa kompla u saq bil-mod il-barra mic-centru.

Ix-xufier, Mirko, ipprova jcempel lis-superjuri tieghu u anke mexxielu jkellem lix-xufier precedenti, li pprova jghinu. F'dan l-istadju rrealizzaw li l-istess problema kienet sehhet

il-gimgha ta' qabel ma' 'coach' ohra tas-socjeta' intimata. Saru jafu li x-xufier ma setghax juza t-tielet u r-raba' 'gears'. Mirko beda jipprova jsuq filwaqt li jaqra il-'manual' u jitkellem fuq il-'mobile phone'. Ir-rikorrenti u l-familja taghha hassew ruhhom f'periklu.

Ftit wara, waqfu u x-xufier baqa' jipprova jcempel ghall-ghajnuna u jitfi u jixghel il-magna. Minuti wara mexxielu jistartja l-magna u rega' beda jsuq il-'coach'. Pero', il-problema baqghet hemm u x-xufier kellu jwaqqaf il-'coach' gewwa triq sekondarja hdejn villagg. It-'tour leader' qalilhom illi kienet ser tintbghat 'coach' ohra ghalihom, pero' wara iktar minn siegha, wasal 'mechanic'. Sia x-xufier u sia t-'tour leader' qalu illi kienet tkun soluyzzjoni iktar facli jekk tissolva il-problema fil-'coach', milli tintbghat 'coach' ohra.

Wasal it-tieni 'mechanic', pero' xorta wahda ma setghux isolvu l-problema. Il-grupp kollu kellu johrog jistenna fuq il-bankina u t-'tour leader' kien qed icempel lill-agent f'Malta, pero' l-uniku haga li ntqal kien li kellhom jistennew.

Wara erbgha sieghat u nofs minn meta kienu telqu minn Lucerne, u meta l-'mechanics' ma setghux isolvu l-problema, intbaghtet 'coach' ohra b'xufier differenti. Il-grupp dahal f'din it-tieni 'coach', pero' wara biss nofs siegha, kellhom jergaw jieqfu ghaliex it-tieni xufier ma setghax jibqa jsuq stante illi kien ecceda n-numru ta' sieghat li setgha jsuq fil-gurnata. Xufier iehor gie u saqhom lura Mulhouse, fejn waslu ghal habta tan-11:45 ta' bil-lejl. Kollha kienu ghajjenin u bil-guh. Il-lukanda serviethom l-ikel hekk kif waslu.

It-'tour leader' kien infurmahom illi kienu ser jahdmu fuq il-'coach' matul il-lejl, liema 'coach' fil-frattemp instaqet lura l-lukanda minn Mirko, u waslet fl-istess him li wasal il-grupp fuq it-tieni 'coach'. L-ghada il-'coach' li kellha l-problema kienet qed tistennihom, u din id-darba ma tat l-ebda problemi. Ir-rikorrenti ghamlet ilment formali mas-socjeta' ntimata pero' baqghat minghajr risposta.

Ir-rikorrenti, fl-istess risposta ddikjarat illi kienet qieghda tezebixxi kopja ta' sentenza fuq kawza bl-istess mertu pero' miftuha mir-ragel tar-rikorrenti, pero' t-Tribunal josserva illi tali sentenza fil-fatt ma giet qatt ezebita.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi fl-ewwel lok il-procedura hija tardiva.

Illi fit-tieni lok it-talba hija nulla stante li ma tirreferi ghal ebda dettalji jew ragunijiet ta' nuqqas mis-socjeta' ntimata.

Illi fit-tielet lok fil-mertu dawn il-proceduri huma separati minn kull kaz iehor u ghandhom jigu decizi fuq il-merti taghhom.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi huma kienu diga' fethu kawza ohra fuq dan l-istess 'tour' u kienu gew ikkompensati. Din it-talba issa qed taghmilha f'isem in-neputi taghha. Ma tiftakarx kemm hallset ghat-'tour'. Xehdet illi kienu damu jistennew il-'coach' tmur ghalihom minhabba li x-xufier kien waqqafhom u kellhom jistennew 'coach' ohra tmur ghalihom. Waslu lura l-lukanda f'nofs il-lejl. Kompliet tistqarr illi ma nizzlitx l-ammont li qieghda titlob stante illi nsiet u ma tafx kemm ser titlob bhala inkonvenjenza. Kien ir-ragel taghha li kiteb il-formola tal-apllikazzjoni. Stqarret ukoll illi hija qatt ma ghamlet ilment formali mas-socjeta' ntimata.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi kull persuna hallset sebgha mija tnejn u tletin Ewro (€732.00) inkluz l-ikel, l-'excursions' u t-taxxi.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument li juri l-kuntatt li hija kellha l-hin kollu mal-kumpanija tal-'coaches', li gie mmarkat bhala Dok.ET1; dokument li juri d-'disk' li kull kumpanija tal-'coaches' bilfors li jrid ikollha fuq il-coach li turi l-hin li l-'coach' problematika waslet lura l-lukanda, li gie mmarkat bhala Dok.ET2; kopja ta' l-email mibghuta mill-lukanda tal-hin li waslu lura, liema hin ma kienx nofs il-lejl pero' kien l-10:30 ta' bil-lejl, li giet immarkata bhala Dok.ET3; dokument li juri l-informazzjoni li suppost ikun jaf kull konsumatur, mehuda mid-Dipartiment tal-Konsumatur, li gie mmarkat bhala Dok.ET4; u dokument li juri r-rotta in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.ET5.

It-Tribunal, qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata, b'referenza ghall-fatt illi t-terminu ta' sentejn ghadu fis-sehh, billi l-incident mertu ta' din it-talba, sehh f'Awissu 2010 u l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi gie pprezentat fl-20 ta' Dicembru, 2011.

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta' l-Artikolu 15.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.01, b'referenza specifika ghas-sub-artikoli 15.2.3.1 u 15.2.3.2, qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

It-Tribunal qieghed jilqa' wkoll it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm is-socjeta' responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghac-"*cirkostanzi mhux tas-soltu u lanqas prevedibbli*". Illi ghalhekk, is-socjeta' ntimata ma tista' qatt titqies responsabbli ghan-nuqqasijiet ta' haddiehor u dana fil-kuntest illi tali konsegwenzi ma kienux prevedibbli, u b'hekk bl-ebda mod ma jista' jinghad illi s-socjeta' ntimata naqqset mill-obbligi taghha. Illi, apparti minn dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrenti lanqas biss informat it-Tribunal bl-ammont li qieghda titlob, mertu ta' liema nuqqas, qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**